# QORTI ĊIVILI
# Prim' Awla

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Għoxrin (20) ta' Lulju 2021**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 933/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Silvio sive Saviour Pace (ID 477468M) u martu Liza Pace (ID 302775M) flimkien ma' uliedhom Darryl Mark Pace (ID 440092M), Dylan Pace (ID 167896M), Kylie Pace (ID 199097M), Donna Pace (ID 485591M), Naomi Pace (197298M) u Shania Pace (ID 437301L)**

**Vs**

**Joseph Grech (ID 534363M) u Kurt Grech (ID 265793M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat fl-24 ta' Ġunju 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex, bil-għan illi jiġu kkawtelati d-drittijiet tagħhom il-Qorti għandha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' l-intimati fejn jiġu inibiti:

   *Milli jbiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu kull propjeta', u b'mod partikolari kwalsiasi appartament, maisonette jew garaxx formanti parti minn blokk ta' bini konsistenti minn garaxxijiet, maisonettes u appartamenti mingħajr numru u bl-isem TlyTly fi Triq id-Duluri, Pieta, limiti tal-Imsida, jew jikkonċedi*

*xi drittijiet fuq l-istess jew xi parti minnu u dan bi kwalsiasi titolu, reali jew personali, oneruż jew gratwita a favur ta' kwalsiasi persuna.*

2. Rat r-raġuni mogħtija mir-rikorrenti hija illi :

   *L-atturi għandhom interess illi jagħmlu dan il-mandat peress illi ġia ġie ippreżentat kawża bin-numru 425/21 li hija kawża għad-danni kontra l-intimat Joseph Grech u Kurt Grech li huwa iben Joseph Grech, li flimkien huma akkuaati bi qtil ta' iben u/jew ħut ir-rikorrenti, Brandon Pace, liema inċident seħħ nhar it-2 ta' April 2017 ġewwa l-Ħamrun.*

3. Rat illi fl-24 ta' Ġunju 2020, il-Qorti laqgħet il-Mandat ta' Inibizzjoni proviżorjament filwaqt illi ordnat in-notifika lill-intimati b'għaxart ijiem għar-risposta w appuntat il-Mandat għat-trattazzjoni finali għat-8 ta' Lulju 2021.

4. Rat illi fis-7 ta' Lulju 2021, l-intimati ppreżentaw ir-risposta tagħhom fejn qajjmu s-segwenti difiżi:

   i. L-irritwalita tar-rikors promotur a tenur tal-Artikolu 836 (5) tal-Kap 12 stante illi Mandat ta' Inibizzjoni identiku ġia ġie ppreżentat fi-3 ta' Mejju 2021, Mandat ta' Inibizzjoni Nru 655/2021, liema Mandat ta' Inibizzjoni ġie miċħud fil-15 ta' Ġunju 2021.

   ii. In-nullita tar-rikors promotur a bażi tal-Artikolu 874 tal-Kapitolu 12 stante illi l-Mandat ta' Inibizzjoni ma' nkludiex il-partikolaritajiet kollha meħtieġa fil-liġi fejn jirrigwarda r-reġistrazzjoni tal-propjeta'.

   iii. In-nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva tar-rikorrenti peress illi l-intimati jikkontendu illi l-eredi tal-mejjet Brandon Pace, li miet ab intestato, ma humiex ir-rikorrenti iżda t-tfal ta' l-istess Pace, li ma humiex parti fil-kawża.

   iv. Illi l-ammont mitlub sabiex jiġi kawtelat ta' €500,000 huwa wieħed mhux prima facie ġustifikat u eċċessiv a tenur tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kap 12.

   v. Illi l-intimati għandhom propjeta' oħra illi tista' tkun ta' garanzija xierqa għar-rikorrenti, u dana a tenur tal-Artikolu 836 (1) (c) tal-Kap 12.

5. Rat illi, fit-8 ta' Lulju 2021, meta ssejjħet il-kawża, la deher ir-rikorrent u wisq anqas ma deher il-konsulent legali tiegħu, u peress illi r-rikorrenti kien għadu mhux notifikat bl-avviż tas-smiegħ tal-kawża, il-kawża ġiet differita għall-15 ta' Lulju 2021 – kien wara li tlestiet is-smiegħ tar-rikors illi dehret il-konsulent legali tar-rikorrenti li ħadet konjizzjoni tal-atti.

6. Rat illi fil-15 ta' Lulju 2021, dehru l-partijiet assistiti mill-konsulenti legali tagħhom, li ttrattaw ir-rikors li ġie differit għal-lum għal deċiżjoni.

**Konsiderazzjonijiet legali**

7. Jirriżulta illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

8. Jirriżulta wkoll illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

9. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16 LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjesti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

> *Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*
>
> *(1) <u>ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti</u>: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*
>
> *(2) <u>iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd</u>: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ, l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.*
>
> *Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et** deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R. Micallef:*
>
> > *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) <u>ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd</u>: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

> *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta'inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u minn naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) <u>Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali</u>. Ara* ***Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici*** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

> *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* ***Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti****, Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

## Fatti

10. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti, fit-3 ta' Mejju 2021, ippreżentaw proċeduri fil-Qorti, Rikors Ġuramentat Nru 425/2021 TA, li bih huma talbu lill-Qorti tiddikjara lill-intimati responsabbli tal-mewt ta' Brandon Pace u tillikwida d-danni minnhom sofferti.

11. Jirriżulta illi, dakinhar stess, fit-3 ta' Mejju 2021, ir-rikorrenti ppreżentaw Mandat ta' Inibizzjoni Nru 655/2021 **identiku għal dak odjern**, kemm fid-diċitura kif ukoll fit-talbiet, liema Mandat ta' Inibizzjoni ġie milqugħ proviżorjament fl-14 ta' Ġunju 2021.

12. Jirriżulta illi l-Mandat ta' Inibizzjoni 655/2021 gie appuntat għas-smiegħ għall 14 ta' Gunju 2021.

13. Jirriżulta illi dakinhar tas-smigħ, la r-rikorrent u wisq anqas il-konsulent legali tiegħu ma dehru, u għalhekk il-Qorti rrevokat 'contrario imperio' d-digriet tagħha tat-3 ta' Mejju 2021 u astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors filwaqt illi ħassret il-kawża minn fuq il-lista.

14. Jirrizuta illi, abbażi ta' prassi antekwata u anakronistika li għadha tiġi attwata fil-Qorti, minkejja illi l-Mandat ta' Inibizzjoni tħassar minn fuq il-lista, fit-13 ta'

Ġunju 2021, l-intimati ppreżentaw Kontro Mandat Nru 874/21 għall-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 655/2021 abbażi tad-digriet tal-Qorti datat 14 ta' Ġunju 2021.

15. Jirriżulta illi, l-Kontro Mandat ġie milqugħ fil-15 ta' Ġunju 2021.

16. Jirriżulta illi sussegwentement, fl-24 ta' Ġunju 2021, hekk kif ir-rikorrenti ndunaw b'dak illi kien ġara, ippreżentaw il-Mandat ta' Inibizzjoni odjern, illi huwa identiku għal dak miċħud fl-14 ta' Ġunju 2021.

**Konsiderazzjonijiet**

17. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 836 (5) tal-Kap 12,

> *(5) Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a)ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ,* ***kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel****, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors.*

18. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-bażi tal-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni odjern kien unikament il-fatt, kif sottomess mill-abbli difensur tar-rikorrenti, illi huma ma kinux jafu bid-data tas-smigħ tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 655/2021, u għalhekk dana ġie miċħud għax huma ma kinux preżenti.

19. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi proċeduri fil-Qrati ta' Malta ma għandhomx jittieħdu bil-leġġer u għandhom jingħataw ir-rispett illi jimmeritalhom.

20. Il-Qorti ma tistax ma' tosservax ukoll illi kien obbligu tar-rikorrenti, illi wara li jippreżenta att ġudizzjaru, għandu jieħu ħsieb illi jsewgi l-iżvilupp ta' tali proċeduri u jassikura ruħu illi l-ordnijiet tal-Qorti jiġu osservati u eżegwiti – il-fatt illi ppreżenta Mandat ta' Inibizzjoni u wara naqas milli jivverifika li tinstab appuntata għas-smigħ hija nuqqas illi r-rikorrent għandu jerfa' r-responsabbilta' tagħha, u xejn aktar.

21. Il-Qorti tirrileva li r-rikorrenti kellhom ġia l-opportunita illi jitolbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, **kif mitlub illum**, quddiem Qorti oħra, u minħabba l-inadempjenza u traskuraġni tagħhom, tilfu tali opportunita għax ma ħadux ħsieb tal-atti illi huma għamlu.

22. Il-Qorti tagħlaq billi tgħid illi jirriżulta ċar illi l-Mandat ta' Inibzzjoni odjern inħareġ, mhux għax inbidlu xi ċirkostanzi wara li l-Mandat ta' Inibizzjoni

preċendenti, ossija 655/21, ġie miċħud, u għalhekk, la darba t-talba fil-Mandat odjern huwa **identiku** għal dak mitlub fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 655/2021, a tenur tal-Artikolu 836 (5) tal-Kap 12, dana il-Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax jerġa' jinħareġ.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fl-24 ta' Ġunju 2021 billi:

**Tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif redatt, u għalhekk;

**Tirrevoka** contrario imperio d-digriet tagħha tal-24 ta' Ġunju 2021.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu a kariku tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**